ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 220

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

20 ta' Settembru 2007

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 2007/C 220/01 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 1 |
| 2007/C 220/02 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 2 |
| 2007/C 220/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4787 — Rhenus/TMI) (1) | 4 |

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 2007/C 220/04 | Rata tal-kambju ta' l-euro | 5 |

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

| | | |
|---|---|---|
| 2007/C 220/05 | Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006, dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali (1) | 6 |


MT



(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Spazju Ekonomiku Ewropew**

**L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2007/C 220/06 Servizzi bl-ajru skedati Ardenes — Bodø v.v. u Andenes — Tromsø v.v. (in-Norveġja) — Sejħa għall-offerti ..... 13

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2007/C 220/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4879 — Jabil/Nokia Siemens Networks Oy) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata ([1]) ..... 17

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 220/01)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 18.7.2007 |
| Għajnuna Nru | N 876/06 |
| Stat Membru | Is-Slovakkja |
| Reġjun | Stredné Slovensko |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Regional *ad hoc* aid to Glovis Slovakia, s.r.o. |
| Il-bażi legali | Zákon č. 231/1999 Z. z. o štátnej pomoci z 24. augusta 1999; Zákon č. 565/2001 Z. z. o investičných stimuloch zo 4. decembra 2001; Vyhláška Ministerstva hospodárstva č. 235/2002 Z. z. z 30. apríla 2002, ktorou sa ustanovujú podrobnosti o náležitostiach žiadosti o poskytnutie investičných stimulov; Zákon č. 595/2003 Z. z. o dani z príjmov v znení neskorších predpisov, § 52 ods. 4; Zákon č. 366/1999 Z. z. o daniach z príjmov v znení neskorších predpisov, platný do 31. decembra 2003, § 35b |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Żvilupp reġjonali |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Vantaġġ fiskali |
| L-Estimi | Baġit globali: 50,4 miljun SKK |
| L-intensità | 10,25 % |
| It-tul ta' żmien | — |
| Setturi ekonomiċi | Vetturi bil-mutur |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky<br>Mierová 19<br>SK-827 15 Bratislava 212 |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 220/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 13.6.2007 |
| Għajnuna Nru | N 541/06 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Aiuti destinati alla formazione a favore di Fiat Auto per il periodo 2006-2008 |
| Il-bażi legali | Articolo 9 della legge N. 236 del 19.7.1993 «Interventi urgenti a sostegno dell'occupazione» |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Taħriġ |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit globali: 23,88 miljun EUR |
| L-intensità | 70 % |
| It-tul ta' żmien | 2007-2009 |
| Setturi ekonomiċi | Vetturi bil-mutur |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministero del Lavoro e della previdenza sociale |
| Aktar informazzjoni | Estensjoni ta' l-għajnuna approvata bid-deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2003 fil-każ Nru N322/03 |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 22.6.2007 |
| Għajnuna Nru | N 866/06 |
| Stat Membru | L-Iżvezja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Skattefrihet för vissa biobränslen vid användning som bränsle för uppvärmning |
| Il-bażi legali | Lagen (1994:1776) om skatt på energi; förslag om ändring i lag; 1 kap. 9 §, 2 kap. 11 § första stycket, 1 och 7 kap. 3 §; regeringens proposition 2006/2007:13 |

| | |
|---|---|
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-ħarsien ta' l-ambjent |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Tnaqqis tal-bażi tat-taxxa |
| L-Estimi | Baġit annwali: 149 miljun SEK; Baġit globali: 940 miljun SEK |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2007-31.12.2012 |
| Setturi ekonomiċi | Il-provvista ta' dawl, gass u ilma |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Skatteverket<br>S-171 94 Solna |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 10.7.2007 |
| Għajnuna Nru | N 898/06 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Reġjun | Alentejo |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Repsol Polimeros |
| Il-bażi legali | Decreto-Lei n.º 409/99 de 15 de Outubro — regulamenta a concessão de Benefícios Fiscais; Decreto-Lei n.º 70-B/2000 de 5 de Maio — aprova o enquadramento legal de referência para apoio directo e indirecto as empresas |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Żvilupp reġjonali |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Self b'rata ta' imgħax baxxa, Vantaġġ fiskali |
| L-Estimi | Baġit globali: 103,3 miljun EUR |
| L-intensità | 12,99 % |
| It-tul ta' żmien | 2007-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | L-industrija kimika u farmaċewtika |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | API — Agência Portuguesa para o Investimento, E.P.E. |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.4787 — Rhenus/TMI)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 220/03)

Fit-28 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab fuq Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4787. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## Id-19 ta' Settembru 2007

(2007/C 220/04)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3975 | RON | Leu Rumen | 3,3722 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 161,80 | SKK | Krona Slovakka | 33,788 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4508 | TRY | Lira Turka | 1,7313 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,69865 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6407 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,2565 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4155 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,6493 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,8835 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 88,41 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9131 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7775 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,1067 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 294,99 |
| CYP | Lira Ċiprijotta | 0,5842 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,9004 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,673 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,5001 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | HRK | Kuna Kroata | 7,3235 |
| HUF | Forint Ungeriż | 252,20 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 891,94 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8291 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7039 | PHP | Peso Filippin | 63,726 |
| MTL | Lira Maltija | 0,4293 | RUB | Rouble Russu | 35,2010 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,7750 | THB | Baht Tajlandiż | 44,606 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006, dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 220/05)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 53/07 |
| Stat Membru | L-Estonja |
| Reġjun | — |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Saastetasu asendamise regionaalabi kava |
| Bażi legali | Keskkonnatasude seaduse (RTI 2005, 67, 512; 2006, 15, 120; 29, 220) §-d 48–55;<br>Keskkonnaministri 21.2.2007 käskkiri nr 204 „Saastetasu maksmise kohustuse keskkonnakaitse-meetmete finantseerimise kohustusega asendamise kord";<br>Keskkonnaministri 26.2.2007 käskkiri nr 218 „Saastetasu asendamise regionaal-abi kava kinnitamine" |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 6,5 miljun EUR |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 50 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 26.2.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Eesti Vabariigi Keskkonnaministeerium<br>Narva mnt 7a<br>EE-15172 Tallinn<br>Tel. (372) 62 62 893<br>E-post: min@envir.ee |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.envir.ee/375010 |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 71/07 |
| Stat Membru | L-Estonja |
| Reġjun | — |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Teadus- ja tehnoloogiaparkide investeeringute toetamise programm |
| Bażi legali | Majandus- ja kommunikatsiooniministri 1. märtsi 2007. a määrus nr 10 „Eesti riikliku arengukava Euroopa Liidu struktuurifondide kasutuselevõtuks — ühtne programmdokument aastateks 2004–2006" meetme nr 2.3 „Teadus- ja arendustegevuse ja innovatsiooni edendamine" osa „ Teadus- ja tehnoloogiaparkide investeeringute toetamise programm" tingimused (RTL, 15.3.2007, 22, 377) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 1,06 miljun EUR |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 50 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 18.3.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 30.6.2008 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ettevõtluse Arendamise Sihtasutus<br>Liivalaia 13/15<br>EE-Tallinn 10118<br>Tel. (372) 6279 700<br>E-post: eas@eas.ee |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | https://www.riigiteataja.ee/ert/act.jsp?id=12799164 |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 98/07 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | — |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Program pomocy regionalnej udzielanej przedsiębiorcom prowadzącym działalność gospodarczą w specjalnych strefach ekonomicznych na podstawie zezwolenia wydanego po 1 stycznia 2007 r. |

| | |
|---|---|
| Bażi legali | Ustawa z dnia 20 października 1994 r. o specjalnych strefach ekonomicznych (tekst jednolity: Dz.U. z 2007 r. nr 42, poz. 274); Ustawa z dnia 15 lutego 1992 r. o podatku dochodowym od osób prawnych; Ustawa z dnia 26 lipca 1991 r. o podatku dochodowym od osób fizycznych; Rozporządzenia Rady Ministrów:<br>— z dnia 16 października 2006 r. w sprawie legnickiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.191.1416 oraz Dz.U.07.17.98),<br>— z dnia 5 grudnia 2006 r. w sprawie wałbrzyskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.236.1705, Dz.U.07.17.99 i Dz.U.07.55.362),<br>— z dnia 17 listopada 2006 r. w sprawie kamiennogórskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.211.1555 i Dz.U.07.26.166),<br>— z dnia 5 grudnia 2006 r. w sprawie pomorskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.228.1667 i Dz.U.07.26.168),<br>— z dnia 2 listopada 2006 r. w sprawie katowickiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.202.1485 i Dz.U.07.26.171),<br>— z dnia 27 października 2006 r. w sprawie łódzkiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.200.1473 i Dz.U.07.26.172),<br>— z dnia 22 listopada 2006 r. w sprawie tarnobrzeskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.215.1581 i Dz.U.07.26.173),<br>— z dnia 5 grudnia 2006 r. w sprawie kostrzyńsko-słubickiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.06.236.1704 i Dz.U.07.26.167),<br>— z dnia 31 stycznia 2007 r. w sprawie krakowskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.17.97),<br>— z dnia 1 lutego 2007 r. w sprawie mieleckiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.26.163),<br>— z dnia 1 lutego 2007 r. w sprawie starachowickiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.26.164),<br>— z dnia 1 lutego 2007 r. w sprawie suwalskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.26.165),<br>— z dnia 2 lutego 2007 r. w sprawie słupskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.26.169),<br>— z dnia 2 lutego 2007 r. w sprawie warmińsko-mazurskiej specjalnej strefy ekonomicznej (Dz.U.07.26.170) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 200 miljun EUR |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 50 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.1.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Limitat għal setturi speċifiċi |
| | 10.3, 11-15, 17-41, 60-64, 72, 73.1, 74.12, 74.3, 74.86, 93.01 |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministerstwo Gospodarki<br>Pl. 3 Krzyży 3/5<br>PL-00-507 Warszawa<br>Tel. (48-22) 693 50 00<br>E-mail: ewelina.przygoda@mg.gov.pl |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | www.mg.gov.pl/Przedsiebiorcy/Specjalne+strefy+ekonomiczne/program+pomocowy.htm |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 124/07 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Reġjun | Wales |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Regional Selective Assistance (RSA) Cymru Wales |
| Bażi legali | The Industrial Development Act 1982 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 55 miljun GBP |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 30 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.1.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | The Welsh Assembly Government<br>Trafalgar House<br>Fitzalan Place<br>Cardiff CF24 0ED<br>United Kingdom |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.wales.gov.uk/investmentfunding |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 127/07 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | Zachodniopomorskie |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Program regionalnej pomocy inwestycyjnej dla przedsiębiorców na terenie miasta Stargardu Szczecińskiego |
| Bażi legali | Art. 7 ust. 3 ustawy z dnia 12 stycznia 1991 roku o podatkach i opłatach lokalnych (Dz.U. z 2006 r. nr 121, poz. 844, ze zm.);<br>Uchwała nr VII/64/07 w sprawie przyjęcia programu regionalnej pomocy inwestycyjnej dla przedsiębiorców na terenie miasta Stargardu Szczecińskiego |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 5 miljun PLN |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 40 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |

| | |
|---|---|
| Data ta' l-implimentazzjoni | 29.5.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Prezydent Miasta Stargardu Szczecińskiego<br>ul. S. Czarnieckiego 17<br>PL-73-110 Stargard Szczeciński<br>Tel. (48-91) 578 48 81<br>E-mail: ekonomia@um.stargard.pl |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.stargard.pl/uchwaly/2007/2007-04-24/uvii-64.pdf |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 128/07 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | Kujawsko-Pomorskie |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Program pomocy regionalnej dla podmiotów podejmujących nowe działania inwestycyjne na terenie gminy Świecie |
| Bażi legali | Uchwała nr 65/07 Rady Miejskiej w Świeciu z dnia 4 czerwca 2007 r. w sprawie zwolnienia z podatku od nieruchomości dla przedsiębiorców na terenie gminy Świecie;<br>Art. 7 ust. 3 ustawy z dnia 12 stycznia 1991 r. o podatkach i opłatach lokalnych (Dz.U. z 2006 r. nr 121, poz. 844 z późn. zm.) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 2 miljun PLN |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 50 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 11.7.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2008 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Burmistrz Świecia<br>ul. Wojska Polskiego 124<br>PL-86-100 Świecie<br>Tel. (48-52) 33 32 333<br>E-mail: urzad-miejski@um-swiecie.pl |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://bip.um-swiecie.pl/?cid=194&bip_id=3930 |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 130/07 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | Zachodniopomorskie |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Program pomocy regionalnej dla przedsiębiorców inwestujących na terenie Gminy Goleniów |
| Bażi legali | Uchwała nr VIII/73/07 Rady Miejskiej w Goleniowie w sprawie zwolnienia z podatku od nieruchomości w ramach regionalnej pomocy dla przedsiębiorców na terenie Gminy Goleniów przyjęta na podstawie art. 18 ust. 2 pkt 8, art. 40 ust. 1 i art. 41 ust. 1 ustawy z dnia 8 marca 1990 r. o samorządzie gminnym (Dz.U. z 2001 r. nr 142, poz. 1591 oraz z 2002 r. nr 23, poz. 220, nr 62, poz. 558, nr 113, poz. 984, nr 153, poz. 1271, nr 214, poz. 1806, z 2003 r. nr 80, poz. 717, nr 162, poz. 1568, z 2004 r. nr 102, poz. 1055, nr 116, poz. 1203, z 2005 r. nr 172, poz. 1441, nr 175, poz. 1457, z 2006 r. nr 17, poz. 128); Art. 7 ust. 3 ustawy z dnia 12 stycznia 1991 r. o podatkach i opłatach lokalnych (Dz.U. z 2006 r. nr 121, poz. 844, nr 220, poz. 1601, nr 225, poz. 1625, nr 245, poz. 1775, nr 249 poz. 1828, nr 251, poz. 1847) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 1 miljun PLN |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 40 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 16.5.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Burmistrz Gminy Goleniów<br>Pl. Lotników 1<br>PL-72-100 Goleniów<br>Tel. (48-91) 469 82 00<br>E-mail: burmistrz@goleniow.pl |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://www.goleniow.pl/gol/index.php?s=8/index.php3&PHPSESSID=c23239165e1454d3ece08a52eeb24ac3 |
| Other information | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 143/07 |
| Stat Membru | Ċipru |
| Reġjun | 87.3.c |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | ΕΝΙΣΧΥΣΗ ΤΗΣ ΑΝΤΑΓΩΝΙΣΤΙΚΟΤΗΤΑΣ ΤΩΝ ΜΙΚΡΟΜΕΣΑΙΩΝ ΕΠΙΧΕΙΡΗΣΕΩΝ ΤΟΥ ΜΕΤΑΠΟΙΗΤΙΚΟΥ ΤΟΜΕΑ<br>Enysxisi tis antagonistikotitas ton MME tou metapoiitikou tomea |
| Bażi legali | Απόφαση Υπουργικού Συμβουλίου 25.7.2007 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 2,75 miljun EUR |

| | |
|---|---|
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 35 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 6.8.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Limitat għal setturi speċifiċi |
| | NACE Rev.1.1 - D, 74.87, 74.20, 74.30 |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Υπουργείο Εμπορίου Βιομηχανίας και Τουρισμού, ykontos@mcit.gov.cy<br>Ypourgeio Eboriou Biomixanias kai Tourismou ykontos@mcit.gov.cy |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | www.mcit.gov.cy |
| Aktar informazzjoni | — |

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## Servizzi bl-ajru skedati Ardenes — Bodø v.v. u Andenes — Tromsø v.v. (in-Norveġja)

## Sejħa għall-offerti

(2007/C 220/06)

1. **Introduzzjoni**

Fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* Nru C 166, 7.7.2005 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 34, 7.7.2005 n-Norveġja ppubblikat l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku (OSP) għal servizzi bl-ajru għar-reġjuni skedati fuq ir-rotot Andenes — Bodø v.v. u Andenes —Tromsø v.v. skond l-Artikolu 4.1 (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar l-aċċess għat-trasportataturi bl-ajru għar-rotot intra-Komunitarji.

In-Norveġja ddeċidiet li tippubblika sejħa ġdida għall-offerti għal servizzi bl-ajru għar-reġjuni skedati għar-rotot Andenes — Bodø v.v. u Andenes — Tromsø v.v. li jibdew fl-1 ta' Jannar 2008. l-istess ħtiġiet japplikaw kif stipulat fil-Komunikazzjoni ta' l-2005 mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

Jekk sa xahrejn mill-aħħar jum tas-sottomissjoni ta' l-offerta (ara t-Taqsima 6) l-ebda trasportatur ta' l-ajru ma jkun ipprovda prova dokumentata lill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni dwar l-iskedar ta' titjiriet li jibdew,mill-1 ta' Jannar 2008 f'konformità ma' l-obbligazzjoni emendatatas-sevizz pubbliku imposta fuq l-offerta stipulata fit-Taqsima 2 ta' din il-pubblikazzjoni, il-Misteru għandu japplika l-proċedura dwar l-offerti pprovduta fl-Artikolu 4.1 (d) tar-Regolament (KEE) 2408/92, li b'hekk, mill-1 ta' Jannar 2008, jillimita għal trasportatur ta' l-ajru wieħed l-aċċess għar-rotta speċifikata fl-offerta skond it-Taqsima 2.

L-iskop ta' din is-sejħa għall-offerti hi biex jintalbu offerti li għandhom jintużaw bħala bażi biex jingħataw dawn id-drittijiet esklużivi.

Hawn taħt, jinsabu riprodotti l-aktar partijiet importanti tal-Kundizzjonijiet għall-Offerti. Il-verżjoni sħiħa tas-sejħa għall-offerti tista' titnizzel minn fuq is-sit elettroniku:

http://www.regjeringen.no/nb/dep/sd/dok/andre/Anbud.html

jew tinkiseb mingħajr ħlas jekk tintalab mingħand:

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni
P O Box 8010 Dep.
N-0030 Oslo
Telefon: (47) 22 24 83 53
Faks: (47) 22 24 56 09

**Dawk kollha li se jitfgħu l-offerti għandhom id-dmir li jinfurmaw ruħhom sew bis-Sejħa sħiħa għall-Offerta.**

2. **Is-servizzi koperti mis-sejħa**

Is-sejħa tkopri titjiriet skedati mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2009, skond l-obbligazzjoniet tas-servizz pubbliku msemmija fit-Taqsima 1. Iż-żona tar-rotta segwenti hi koperta mill-kompetizzjoni:

**Iż-żona tar-rotta 2**

Andenes — Bodø v.v., Andenes — Tromsø v.v.

Fil-każ li trasportatur jissottometti offerta fejn it-talba għall-kumpens hi ta' NKO żero, dan ikun ifisser li hi x-xewqa tat-trasportatur li jopera r-rotta fuq bażi esklużiva, iżda mingħajr ebda kumpens mill-Istat tan-Norveġja.

3. **Eliġibilità għall-offerti**

It-trasportaturi ta' l-ajru kollha li għandhom liċenzja operattiva skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzji għat-trasportaturi ta' l-ajru huma eleġibbli għall-offerta.

4. **Proċedura ta' l-offerti**

Is-sejħa għall-offerta hi soġġetta għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu d) — i) ta' l-Artikolu 4.1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92, u fit-Taqsima 4 tar-Regolamenti Norveġiżi tal-15 ta' April 1994 Nru 256 dwar proċeduri għall-offerta f'rabta ma' l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku biex jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 l-Artikolu 4.

Il-ksib għandu jkun effettwat permezz ta' offerta pubblika għall-ksib.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li japplika negozjati sussegwenti jekk tkun daħlet offerta waħda biss meta tagħlaq id-data għas-sottomissjoni ta' l-offerta, jew jekk offerta waħda biss ma tkunx rifjutata. Dawn in-negozjati għandhom isiru skond l-obbligazzjonijiet imposti fuq is-settur pubbliku. B'żieda ma' dan, il-partijiet mhumiex intitolati li jagħmlu emendi sostanzjali għat-termini oriġinali tal-kuntratt waqt dawn in-negozjati Jekk in-negozjati sussegwenti ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li jħassar il-proċedura kollha. F'dak il-każ, tista' tkun ippubblikata sejħa mill-ġdid għall-offerta b'termini ġodda.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jagħmel ksib permezz ta' negozjati mingħajr pubblikazzjonijiet bil-quddiem jekk ma jkunu sottomessi l-ebda offerti. F'dak il-każ, ma jridu jsiru l-ebda emendi sostanzjali għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku jew għat-termini tal-kuntratt li jkun fadal.

F'każ li jidher li jkun hemm raġunijiet raġonevoli b'riżultat ta' l-offerta, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull waħda mill-offerti.

L-offerta torbot lil min ikun qed jitfagħha sakemm tintemm il-proċedura ta' l-offerta, jew sa meta tingħata l-offerta.

5. **L-offerta**

l-offerta għandha tkun inkwadrata skond il-ħtiġiet tat-Taqsima 5 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Offerta, li jinkludu l-ħtiġiet elenkati fl-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku.

6. **L-iskadenza u s-sottomissjoni ta' l-offerti:**

l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' l-offerti hi **22.10.2007** fit-**3 pm** (ħin lokali). L-offerta trid tkun waslet għand il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-indirizz imsemmi fit-Taqsima 1 sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni ta' l-offerta.

L-offerta għandha jew tittieħed personalment fl-indirizz ta' l-uffiċju tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, jew tintbagħat bil-posta jew permezz tas-servizz tal-kurrier.

L-offerti li jaslu tard jiġu rrifjutati. Madanakollu, l-offerti li jaslu wara d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' l-offerti, iżda qabel id-data li fiha dawn jinfetħu, ma jkunux irrifjutati jekk ikun jidher ċar li din tkun intbagħtet tant kmieni li normalment suppost tkun waslet qabel id-data ta' l-għeluq. Irċevuta li l-offerta tkun waslet tkun aċċettata bħala prova li ntbagħtet, u tal-ħin li fih intbagħtet.

L-offerti għandhom ikunu ppreżentati fi 3 — tliet — kopji.

7. **Għotja ta' Kuntratt**

7.1 Bħala regola ta' prinċipju, għandha tirbaħ dik l-offerta li tkun teħtieġ l-anqas ammont ta' kumpens. Il-kuntratt jingħata lill-offerta bl-anqas talba għall-kumpens għall-perjodu kollu tal-kuntratt mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2009.

7.2 Fil-każ li li l-offerta ma tkunx tista' tingħata għaliex ikun hemm offerti li jeħtieġu ammont identiku ta' kumpems, l-għotja tingħata lill-offerta, jew, fejn ikun relevanti, lill-kombinazzjoni ta' l-offerti li joffru l-akbar ammont ta' postijiet għall-perjodu kollu tal-kuntratt.

8. **Il-perjodu tal-kuntratt**

Il-kuntratt ta' l-offerta għandu jintgħamel għall-perjodu ta' mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2009. Il-kuntratt ma jintemmx, ħlief f'dawk is-sitwazzjonijiet deskritti fid-dispożizzzjonijiet tal-kuntratt riprodotti fit-Taqsima 11.

9. **Kumpens finanzjarju**

l-operatur hu intitolat għal kumpens finanzjarju mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni skond il-ftehim tal-kuntratt. Il-kumpens għandu jkun speċifikat għall-perjodu kollu tal-kuntratt.

Ma għandu jsir l-ebda aġġustament fl-indiċi tal-prezzijiet waqt il-perjodu tal-kuntratt.

Ma għandu jsir l-ebda tibdil fil-kumpens b'riżultat tal-volum ta' produzzjoni 'l fuq jew 'l isfel skond it-Taqsima 5.1 it-tieni paragrafu tat-Termini tal-Kuntratt.

Dan hu soġġett għall-kundizzjoni li l-*Istorting* (il-Parlament Norveġiż), meta jadotta l-baġit annwali tiegħu, ikun għamel il-fondi neċessarji disponibbli lill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni biex ikopri l-kumpens meħtieġ.

l-operatur għandu jżomm id-dħul kollu ġġenerat mis-servizz. Jekk id-dħul ikun akbar jew l-ispiża tkun anqas miċ-ċifri li fuqha tkun ibbażata l-offerta, l-operatur jista' jżomm id-differenza. Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni mhu obbligat li jkopri l-ebda bilanċ negattiv marbut mal-baġit ta' l-offerta.

Kull spiża pubblika, inklużi l-ispejjeż ta' l-avjazzjoni, jitħallsu mill-operatur.

Minkejja kwalunkwe azzjoni għad-danni, il-kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas proporzjonaliment man-numru totali ta' titjiriet ikkanċellati għal raġunijiet li huma attribwiti direttament mat-trasportatur, jekk in-numru ta' titjiriet ikkanċellati matul sena operattiva jeċċedi l-1,5 fil-mija tan-numru ta' titjiriet ippjanati skond l-iskeda ta' l-orarju approvata.

10. **Negozjati mill-ġdid**

Jekk, waqt il-perjodu tal-kuntratt, ikun hemm materjal jew ċirkostanzi mhux previsti fl-assunzjoni li fuqhom ikun ibbażat il-kuntratt, kull wieħed mill-partijiet jista' jitlob għal negozjati biex ikun rivedut il-kuntratt. Din it-talba għandha ssir mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tkun seħħet il-bidla.

Tibdil fil-materjal ta' l-ispejjeż pubbliċi li għalihom l-operatur ikun responsabbli dejjem jikkostitwixxu lok għal negozjati mill-ġdid.

Jekk il-ħtiġiet statutorji jew regolatorji, jew ordnijiet maħruġa mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili jirriżultaw li mitjar ikollu jintuza' b'mod differenti milli oriġinarjament ikun ippjanat mill-operatur, il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jinnegozjaw emendi tal-kuntratt li jippermettu lill-operatur ikompli jopera għall-kumplament tal-perjodu tal-kuntratt. Jekk il-partijiet jonqsu milli jilħqu ftehim, l-operatur hu intitolat għall-kumpens skond ir-regoli relatati mal-waqfien jew l-għeluq (it-Taqsima 11) sakemm dawn ikunu applikabbli.

11. **Tmiem tal-kuntratt wara l-ksur tal-kuntratt jew tibdiliet mhux previsti f'kundizzjonijiet importanti**

Soġġett għar-restrizzjonijiet segwenti għal-liġi dwar l-insolvenza, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jtemm il-kuntratt b'effett immedjat jekk l-operatur isir insolventi, jibda l-proċedimenti biex jitħallas id-dejn, isir fallut jew ikun soġġett għal sitwazzjonijiet oħra li jissemmew fit-Taqsima 14 Nru 2 tar-Regolamenti Norveġiżi tal-15 ta' April 1994 Nru 256 dwar il-proċeduri għall-offerti marbuta ma' l-obbligazzjonijiet tas-settur pubbliku.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista’ jtemm il-kuntratt b’effett immedjat jekk l-operatur jitlef, jew ma jkunx jista’ jġedded il-liċenzja tiegħu.

Jekk, minħabba *force majeure* jew ċirkostanzi oħra lilhinn mill-kontroll ta’ l-operatur, l-operatur ma jkunx jista’ jwettaq l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu għal aktar minn erba’ mill-aħħar sitt xhur, il-kuntratt jista’ jintemm miż-żewġ partijiet billi jagħtu notifika bil-miktub xahar qabel.

Jekk l-*Istorting* jiddeċiedi li jagħlaq il-mitjar, jew jekk mitjar jingħalaq minħabba ordni maħruġa mill-Awtorità ta’ l-Avjazzjoni Ċivili, l-obbligazzjonijiet kuntrattwali ordinajrji tal-partijiet jaqgħu minn dak il-ħin li l-mitjar jieqaf jiffunzjona jew jingħalaq.

Jekk il-perjodu taż-żmien li jgħaddi bejn meta l-operatur ikun informat bil-waqfien jew l-għeluq u l-waqfien jew l-għeluq attwali ikun ta’ iżjed minn sena, l-operatur mhux intitolat għall-kumpens għal kwalunkwe telf finanzjarju li jsofri minħabba li jintemm il-kuntratt. Jekk il-pejodu msemmi jkun ta’ anqas minn sena, l-operatur hu intitolat li jerġa’ lura għas-siwazzjoni finanzjarja li kien ikun fiha kieku l-operazzjonijiet tkomplew għal sena mid-data li jkun notifikat bil-waqfien jew l-għeluq, jew inkella sal-31 ta’ Marzu 2009 jekk din id-data tiġi qabel.

Fil-każ ta’ ksur sostanzjali tal-kuntratt minn parti waħda, dan jista’ jkun kanċellat mill-parti l-oħra b’effett immedjat.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4879 — Jabil/Nokia Siemens Networks Oy)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 220/07)

1. Fit-12 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Jabil Circuit Inc. ("Jabil", l-Istati Uniti) takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tas-sussidjarji bbażati fl-Italja ta' Nokia Siemens Networks OY ("NSN żewġ sussidjarji Taljani", l-Italja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Jabil: Id-disinn, il-manifattura u servizzi relatati għal soluzzjonijiet ta' prodotti elettroniċi;

— għall-impriża NSN żewġ sussidjarji Taljani: Il-manifattura ta' tagħmir *microwave* u tagħmir għal stazzjonijiet *radio base*.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-publikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta. taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4879 — Jabil/Nokia Siemens Net works Oy, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.